**MALTA**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR

## ĠUDIKATUR
## DR. ANNA MALLIA

**Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 277/2016 AM3**
**Lista Numru:**

**Martin u Jacqueline konjugi Chetcuti**
**(ID 102067M) u (ID68369M) rispettivament**
**3, Sqaq St Peter's Pool**
**Delimara L/o Marsaxlokk**
**Vs**
**Maria Dolores Carabott (ID 0278654M)**
**"Carmen" Flat 2, Triq San Gwann, Birzebbugia**
**John Carabott (ID 136377M)**
**"Carmen" Flat 2, Triq San Gwann, Birzebbugia**
**Marlisa Carabott (ID 0402288M)**
**"Carmen" Flat 2, Triq San Gwann, Birzebbugia**
**U**
**Dr Patrick Valentino skont digriet tad-19 ta' Settembru, 2016 sabiex jirraprezenta l-interessi tal-assenti Carmel sive Charles Carabott, Joan Kerr u Derrin Carabott.**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tal-attur li permezz taghha qed jitolbu minghand il-konvenuti s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) ammont ta' depozitu li l-atturi hallsu lil konvenuti in relazzjoni mal-konvenju datat 05 ta' Gunju, 2015 liema konvenju l-konvenuti flimkien u in solidum obbligaw ruhhom li jbieghu, jassenjaw u jittrasferixxu a favur l-atturi li ndaqs u ndivizament bejniethom accettaw u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw il-fond numerat tnejn (02) gia numru hamsa u erbghin (45) sitwat fi Triq Dar il-Bebbux, Hal Ghaxaq inkluza l-arja liema konvenju gie estiz sas-26 ta' Jannar, 2016 u l-kuntratt ma sarx ghar-ragunijiet validi fil-ligi.

Ra d-digriet tad-19 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu gie mahtur Dr Patrick Valentino biex jirraprezenta l-interess tal-assenti konvenuti Carmel sive Charles Carabott, Joan Kerr u Derrin Carabott.

Ra r-risposta ta' Dr Patrick Valentino noe li permezz taghha huwa eccepixxa li ma huwiex edott mil-fatti tal-kaz pero' jirrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri fl-eventwalita' li jirnexxielu jikkomunika mal-assenti.

Ra d-decizjoni ta' dan it-Tribunal tas-27 ta' Jannar, 2017 li permezz taghha l-konvenuti gew dikjarati kontumaci.

Ra n-nota tal-konvenuta (fol 87) Maria Dolores Carabott li permezz taghha tat l-awtorizzazzjoni taghha sabiex s-somma ta' hamest elef (€5,000) depozitati fl-atti tac-cedola numru 1417/16 jigu zbankati mill-atturi.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u x-xhieda moghtija f'din il-kawza.

Bhala fatti jirrizulta li l-atturi kienu waslu fi trattativi ghal xiri ta' proprjeta' li tinsab numru 2 gia numru 45 Triq Dar il-Bebbux, Hal Ghaxaq u saru konvenju fil-05 ta' Gunju, 2015 u anke estensjoni tal-istess konvenju ghal dan il-ghan fis-26 ta' Jannar, 2016 u kienet sad-19 ta' Frar, 2016. Id-depozitu mertu ta' din il-kawza thallas mill-atturi lil konvenuti f'din l-estensjoni (fol 83) u hallas is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) depozitu lill-konvenuti. Gara izda li n-Nutar Simon Manicaro inkarigat mill-atturi ma setax jaghti garanzija lill-atturi dwar it-titolu u ghalhekk il-kuntratt

ma setax isir.

Wara li l-konvenju skada, l-atturi pprocedew biex jitolbu r-radd lura tad-depozitu l-ewwel permezz ta' ittra ufficjali u wara permezz ta' din il-kawza. L-atturi fl-ittra ufficjali nterpellaw lil konvenuti permezz ta' ittra ufficjali ghar-rifuzjoni ta' tali hlas ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess ittra ufficjali u l-konvenuti irrispondew ghal tali ittra minghajr ma ghamlu ebda ittra ufficjali sabiex jinterpellaw lill-atturi jersqu ghal kuntratt finali.

It-Tribunal josserva li l-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili jghid li l-effett tal-weghda 'jispicca' jekk ma tigix segwita l-procedura hemm kontemplata cioe' ittra ufficjali (li skont il-gurisprudenza mhux mehtieg li tigi notifikata lill-parti l-ohra) u kawza fi zmien tletin (30) jum minn meta jaghlaq il-konvenju. F'dan il-kaz la l-ittra ufficjali ma saret mill-konvenuti u lanqas il-kawza mitluba u kwindi l-konvenju spicca bla effett.

Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jinsistu li jzommu d-depozitu meta l-pretiz titolu spicca bla effett u lanqas ottjenew decizjoni gudizzjarja li l-atturi ma kellhomx raguni valida ma jersqux ghal pubblikazzjoni tal-att finali. Darba li t-titolu spicca bla effett qabel it-talba ghal kanonizzazzjoni tal-kreditu l-konvenuti ma jistghux jikkapparaw ghalihom id-depozitu mhallas akkont tal-prezz. (vide Pont Gloria vs J.L.J. Construction Co Ltd deciza l-01 ta' Frar, 2008 Qorti tal-Appell; Bianchi vs JMA Developments deciza 26 ta' Mejju, 2006 u Gerit Company Limited vs A.M. Developments Limited et deciza 29 ta' Mejju, 2015 Qorti tal-Appell per Prim Imh S. Camilleri.

Il-ftehim ghaz-zamma tad-depozitu huwa wkoll soggett ghal kundizzjoni sospensiva cioe' li ma jsirx il-kuntratt ghal raguni mhix validu u din l-obbligazzjoni 'ma tezisix' qabel ma l-grajja tigri (Artikolu 1063(2) tal-Kodici Civili u ghalhekk jehtieg verifikazzjoni li l-grajja sehhet qabel ma tidhol fis-sehh l-obbligazzjoni. Qabel ma dan jigi stabbilit, il-venditur ma jistax izomm id-depozitu u meta l-ftehim jispicca ma jistax aktar isir analazi ta' jekk il-kundizzjoni sehhitx jew le u kollox ghalhekk irid jirriverti ghal status quo ante (ara Jenkins Biance Prim Awla 30 ta' Mejju, 2001).

F'kull kaz u apparti dawn il-konsiderazzjonijiet, dan it-Tribunal jasal biex jaqbel mal-atturi meta jikkontendu li kellhom raguni valida ghaliex ma resqux ghal kuntratt liema raguni hija kif konfermata min-Nutar inkarigat minnhom li ma setax jaccerta lill-atturi li l-konvenuti ghandhom titolu assolut tal-proprjeta' in kwistjoni.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba tal-atturi u jordna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ghajr kontra Maria Dolores Carabatt li fil-konfront taghha biss l-imghax legali jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali sal-04 ta' Lulju, 2017 meta hija tat l-awtorizzazzjoni taghha sabiex isir l-izbank tas-somma mitluba mill-atturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 588/2016 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju a karigu tal-konvenuti.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikant**